*DANNI - HRUG TA' MANDAT*

*PRESKRIZZJONI - ART 2153 TAL-KAP 16*

*NULLITA' TAL-AZZJONI.*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 26 ta' Jannar 2017**

**Kawza Numru : 21**
**Rikors Guramentat Numru : 10/2013/LSO**

**Christopher Sammut (ID110471M) u Susan Sammut (ID403771M)**

**vs**

**Raymond Zammit (ID250659M) u Silvana Zammit (ID690061M)**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors guramentat ta' Christopher Sammut et 9 ta' Jannar 2013 fejn espona: -

Illi b'citazzjoni numru 908/95AL fl-ismijiet Raymond Zammit et vs. Christopher Sammmut et, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Jannar 2011, l-intimati talbu illi l-Qorti tiddeciedi illi d-dghajsa S9437 mibjugha mir-rikorrent odjern IiIl-konvenuti odjerni kellha difetti latenti u ma kinitx tajba ghal uzu li ghalih kienet mahsuba u talbu li r-rikorrent odjern jigi kkundannat irodd lura Lm6,000 ekwivalenti ghal €13,976.24.

Illi r-rikorrent odjern, bis-sentenza fuq imsemmija gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju, *stante* li l-Qorti cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghhom u dan kif jirrizulta minn kopja tas-sentenza annessa u mmarkata bhala **Dok. CS1.**

Illi malli l-intimati odjerni intavolaw ic-citazzjoni fuq riferita, huma hargu Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju Nru: 566/97 - Dok. **CS2** fl-ismijiet Raymond Zammit et vs. Christopher Zammit, li gie prorogat sat-3 ta' Frar 2001 fejn qabdu flus depozitati mir-rikorrent, li ma setax juza fin-negozju tieghu.

Illi dan il-Mandat gie kontro-mandat (recte:revokat) b'kontro-mandat numru 439/2001 li hareg fil-15 ta' Frar 2001, pero' fil-frattemp l-intimati regghu hargu mandat ta' sekwestru iehor 407/2001 - Dok. **CSS** fit-13 ta' Frar 2001,

liema mandat tnehha definittivament fis-17 ta' Marzu 2011, *ossia* meta l-kawza fuq imsemmija kienet giet definittivament deciza *stante* illi ma sar l-ebda appell minnha mill-intimati odjerna.

Illi ghalhekk l-attur mill-4 ta' Frar 1997 sas-17 ta' Marzu 2011, ma kellux l-uzu ta' flusu ammontanti ghal €13,976.24 li gew sekwestrati b'mod abbuziv u llegali mill-intimat *stante* illi t-talbiet taghhom ma gewx sostnuti fil-Ligi.

Illi dan irreka dannu ghar-rikorrenti tant illi fost affarijiet ohra kellhom jiehdu facilitajiet bankarji ohrajn minhabba dan is-sekwestru li sar inutilment.

Illi huma ghalhekk soffrew danni b'negligenza u tort ta' l-intimati, liema danni baqghu jippersistu tul il-kors tal-kawza fuq imsemmija u cioe' bejn l-4 ta' Frar, 1997 sas-17 ta' Marzu 2011, u dan b'konsegwenza tas-sekwestri kawtelatorji mahruga kontra r-rikorrenti mill-intimati.

Illi d-dannu jikkonsisti f'telf ta' imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena *stante* illi huwa ma setax jinnegozja hwejgu minhabba s-sekwestru odjern, liema somma tista' tigi likwidata jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi u dan skont *statement of account* anness u mmarkat bhala **Dok. CS4.**

Illi r-rikorrent b'ittra legali tat-2 ta' Marzu 2012, talab il-likwidazzjoni tad-danni pero' l-intimati baqghu inadempjenti.

Jghidu l-konvenuti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarji u opportuna u ghar-ragunijiet premessi ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi l-intimati huma responsabbli ghal hlas tad-danni sofferti mill-atturi minhabba n-negligenza u tort taghhom, bi hrug ta' Mandat ta' Sekwestru Nru: 566/1997 u Mandat ta' Sekwestru Nru: 407/2001 fl-ismijiet Raymond Zammit vs. Christopher Sammut u dan *stante* illi l-atturi gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju bis-sentenza tal-20 ta' Jannar 2011 deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Raymond Zammit et vs. Christopher Sammut u per konsegwenza l-Mandati fuq imsemmija ma kienux sorretti mil-ligi.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi minhabba n-negligenza u tort taghhom, bi hrug ta' Mandat ta' Sekwestru Nru: 566/1997 u Mandat ta' Sekwestru Nru: 407/2001 fl-ismijiet Raymond Zammit vs. Christopher Sammut u dan *stante* illi l-atturi gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju bis-sentenza ta' l-20 ta' Jannar 2011 deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Raymond Zammit et vs. Christopher Sammut, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-intimati hallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata minhabba n-negligenza u tort taghhom, bi hrug ta' Mandat ta' Sekwestru Nru: 566/1997 u Mandat ta' Sekwestru Nru: 407/2001 fl-ismijiet Raymond Zammit vs. Christopher Sammut u dan *stante* illi l-atturi gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju bis-sentenza ta' l-20 ta'

Jannar, 2011 deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Raymond Zammit et vs. Christopher Sammut.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' ta' l-ittra legali tat-2 ta' Marzu, 2012 u bl-ingunzjoni ta' l-intimati ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-20 ta’ Marzu 2013.

Rat ir-risposta guramentata ta' Raymond Zammit u Silvana Zammit datata is-6 ta' Marzu 2013 (fol 59) fejn bir-rispett u bil-gurament tieghu Raymond Zammit (250659M) iddikjara li jaf personalment illi :

1. Preliminarjament, in-nullita' tal-azzjoni billi l-atturi naqsu li jsegwu l-procedura preskritta bil-ligi dwar it-talbiet proposti minnhom.

2. Preliminarjament ukoll l-azzjoni attrici hija preskritta ghal kollox jew in parti *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

3. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.

4. L-eccepjenti talbu u ottjenew il-hrug tal-mandati imsemmija ghal ragunijiet validi fil-ligi.

5. Ghalhekk l-eccepjenti ma jahtu xejn ghal kwalsiasi telf jew spejjez li setghu inkorrew l-atturi b'rizultat tal-mandati

ta' sekwestri imsemmija, liema danni f'kull kaz iridu jigu ppruvati.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 25 ta' Ottubru 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Phyllis Aquilina ghall-konvenuti, prezenti l-konvenut. Deher Dr Daniel Buttigieg ghall-atturi. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni Dr Phyllis Aquilina u Dr Daniel Buttigieg, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Jannar 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi permezz ta' din il-kawza, r-rikorrenti qed jitolbu l-likwidazzjoni u hlas tad-danni li jghidu li sofrew minhabba l-agir leziv tal-intimati konsistenti fi pretensjonijiet infondati, talbiet ghall-hrug ta' zewg mandati ta' sekwestru. Ir-rikorrenti qed isostnu li konsegwentement ghal dan l-agir sofrew danni billi kellhom jiehdu self mill-Bank ladarba kellhom il-mandati ta' sekwestru *in vigore*, liema self kien soggett ghal imghaxijiet.

Illi l-intimati laqghu billi in linea preliminari eccepew n-nullita` tal-azzjoni odjerna, *stante* li ma gietx segwita l-procedura preskritta mil-Ligi u billi giet eccepita wkoll il-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Illi fil-mertu, gie eccepit ukoll, li l-imsemmija mandati hargu ghal ragunijiet validi ghalhekk, l-intimati ma jahtu xejn u t-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

**Fatti:**

Il-fatti tal-kaz fil-qosor huma s-segwenti. Jirrizulta li kien sar negozju ta' tpartit bejn il-partijiet, billi r-rikorrent ta dghajsa lill-intimat u hu ha minghand il-konvenut odjern vettura Jaguar. Illi l-intimati kienu pprocedew kontra r-rikorrent Sammut billi sostnew li d-dghajsa qatt ma hadmet u ghalhekk kellha difett latenti. In segwitu, gew pprezentati zewg mandati ta’ sekwestru fil-konfront ta’ Christopher Sammut, bin-numru 566/97 **Dok CS2**, (fol 19-37) u mandat numru 407/2001 **Dok CS3** (fol 38-52). Illi l-kaz civili fil-mertu gie deciz permezz ta’ sentenza ta’ din il-Qorti diversament preseduta 908/1995/2 fl-20 ta’ Jannar 2011, **Dok CS1**, (fol 4-18). Illi fil-konkluzjoni ta’ din id-decizjoni, gie ritenut li l-konjugi Zammit f’dak il-kaz ma rnexxielhomx jippruvaw l-elementi mehtiega sabiex jirnexxi kaz ghal difetti latenti, u li kieku tqabbdet persuna idonea biex tezamina d-dghajsa mill-ewwel, l-espert tekniku kien jinduna li kien ikun kaz ta’ difett latent. Billi Zammit naqas milli jaghmel dan, il-Qorti cahdet it-talbiet tieghu.

Illi l-kliem rilevanti f'dik is-sentenza huma :

"*Illi ghalhekk il-Qorti tara illi l-attur ma rnexxielux jipprova l-ezistenza ta’ l-elementi mehtiega mil-ligi sabiex tirnexxi kawza ta’ difetti latenti u dana peress illi ma ippruvax illi d-difett in kwistjoni, anke li kieku verament ezista fil-mument illi d-dghajsa ghaddiet ghand l-attur, kien difett illi li, kieku sar ezami xieraq tad-dghajsa u tal-mutur, kien xorta wahda jibqa difett mistur.*

*Illi li kieku l-attur indenja ruhu iqabbad persuna teknika sabiex tezamina u tipprova d-dghajsa bil-mutur in kwistjoni, li kieku verament kien hemm id-difett imsemmi, bniedem tekniku u forsi anke bniedem ta' dehen ordinarju kien certament jinduna bid-difett.*

*Illi kif diga intqal, xerrej ma jistax jilghaba tal-injorant fit-teknika jew fil-kumplessita tal-haga mixtrija biex jehles mill-obbligu li jifli bil-ghaqal il-haga minnu miksuba.*

*Illi wisq anqas ma jista' jitfa r-responsabbilta fuq il-bejjiegh u jghid illi una volta il-bejjiegh qallu illi kienet fi stat tajjeb allura setgha jezumi ruhu minn kull responsabbilita illi jezamina l-oggett illi kien qieghed jixtri.*

*Illi ghalhekk il-Qorti tara illi l-elementi ta' l-azzjoni redhibitoria ma gewx ippruvati mill-atturi u dana peress illi ma giex ippruvat illi d-difett in kwistjoni kien wiehed mistur."*

Ghalhekk, ir-rikorrenti pprocedew bil-kaz odjern sabiex jirreklamaw danni sofferti konsegwenza tal-vertenza bejn il-partijiet u l-mandati ta' sekwestri impost.

**Provi:**

**Susan Sammut** xehdet permezz ta' affidavit (fol 62) li kkonfermat li kien hemm zewg mandati ta' sekwestru fil-konfront ta' zewgha u konsegwenza ta' hekk, kellu jissellef flus kemm ghan-negozju u kif ukoll ghall-bzonnijiet tal-familja fl-ammont ta' €13,976.

**Christopher Sammut** xehed permezz ta' affidavit (fol 63-64) u qal li fiz-zmien li gew ipprezentati l-mandati ta'

sekwestru kontrih, hu kien jinnegozja fil-vetturi u fil-proprjeta` billi kien jixtru u jbieghu, *stante* li diga kien iffirma konvenju fuq proprjeta` kellu jissellef l-ammont ta' Lm20,000 minflok Lm14,000, *stante* li kellu Lm6,000 mizmumin. Hu esebixxa d-dokumenti relattivi rigwardanti dan is-self. Spjega li hallas imghaxijiet fuq dan is-self bejn 8.25% sa 10.75%.

Semma wkoll li minhabba t-tieni Mandat ta' sekwestru ipprezentat minn Zammit, kellu jiehu self iehor ghad-dar residenzjali tieghu, u minflok Lm22,000, kellu jissellef ammont ta' Lm28,000, ossija Lm6,000 aktar minn dak li kellu bzonn minhabba l-Mandat ta' sekwestru. Zied ighid li fl-2005, hu u martu kellhom jiehdu self iehor ta' Lm50,000. Hu qal li ghalhekk, matul dawn is-snin hallas ammont ta' imghaxijiet li jammontaw ghal €14,176.

**Christopher Sammut** xehed ulterjorment (fol 121)[1] u qal li kellu l-ammont ta' Lm6,000 maqbudin u b'kollox kienu zammewlu l-ammont ta' Lm6086. Semma li ghalkemm kien wehel imghaxijiet ta' aktar minn 8% peress li anke jkun hemm *charges* bankarji, izda hu qed jitlob biss l-imghax ta' 8%.

**Christopher Sammut xehed ukoll in subizzjoni** (fol 190-196) (fol 216-229) (fol 304-307)[2] u meta mistoqsi dwar il-valur tad-dghajsa kuntrarjament ghal dak sostnut mill-intimat qal li l-valur kien ta' Lm3,000 mhux ta' LM6,000. Hu kkonferma li l-intimat tah vettura Jaguar u ma jiftakarx il-valur u qal li ta lill-intimat flus ukoll peress li l-Jaguar kienet tiswa aktar mid-dghajsa. Hu kkonferma li ghalkemm kellu

[1] Seduta tat-22 ta' Mejju 2013
[2] Seduti tas-26 ta' Mejju 2014, 15 ta' Ottubru 2014, u 2 ta' Gunju 2014.

n-negozju ma' missieru jiftakar li kien gie deciz mill-Qorti li l-kaz seta' jitkompla fil-konfront tieghu.

Fir-rigward tar-registrazzjoni tad-dghajsa qal li din id-dghajsa qatt ma kienet registrata fuqu u li qabel gie pprezentat il-kaz civili fil-mertu, kien qal lir-rikorrent biex jaghmel it-trasferiment fir-rigward tar-registrazzjoni. Ghad-domanda jekk qattx talab li jaghmel garanzija bankarja in segwitu ghall-flus maqbudin permezz tal-mandat ta' sekwestru, qal li kien talab lill-bank permezz tat-telefon, biex jaghmel ipoteka fuq id-dar personali izda sussegwentement ma sar xejn. Qal li l-ewwel li ssellef kien minhabba konvenju li kien diga ffirma fuq proprjeta` hekk kif semma fl-affidavit, liema ammont kellu jinqasam bi shab ma' missieru. Hu esebixxa kuntratti tal-bejgh u l-prezz kellu jinhareg nofs minnu u nofs minn missieru, u qal li hu ha *overdraft* ghal dan il-ghan. Mistoqsi jekk kienx talab lill-Bank diga ghal erbatax-il elf biex jixtri l-proprjeta` li diga kienet fuq konvenju, jew kellux xi *sanction letter*, qal li ma jiftakarx. Ghad-domanda ghaliex skont il-kuntratt hu kellu jhallas tmienja u ghoxrin elf meta fil-fatt hareg anqas u cjoe` ghoxrin elf ma spjegax ghaliex. Spjega li kull darba li ssellef wara s-sekwestru, ssellef, sitt elef aktar, u kull darba jiehu self iehor wara li jkun hallas dak precedenti.

Referut ghad-dokument li jidher a fol 88, mistoqsi ghaliex ha self ta' tmienja u ghoxrin elf lira Maltin meta kellu ammont sostanzjali fil-kont, irrisponda ripetutivament li biex ikun jista' jixtri dar residenzjali ohra, u li dawk il-flus kienu gew mill-bejgh tad-dar ta' qabel. Qal ukoll li l-kont a fol 88 qatt ma nghalaq u ghalhekk, gie mistoqsi jesebixxi l-*istatements* tieghu sal-prezent.

Mistoqsi wara li sar l-ewwel Mandat ta' sekwestru, jekk uriex li kellu proprjeta` l-Qawra li setghet taghmel tajjeb qal li dik il-proprjeta` kienet ghall-bejgh, izda kkonferma li qatt ma offra li jaghmel tajjeb b'xi proprjeta` bil-miktub biex jitnehha s-sekwestru. Garanzija bankarja ma setax jaghmel ghax dejn kellu mhux flus il-bank. Mistoqsi wkoll, jekk ipprocediex biex ihassar is-sekwestru qal li ma jiftakarx.

**John Schembri** in rapprezentanza tal-HSBC Bank xehed (fol 128)[3] billi pprezenta **Dok JS1** u **Dok JS2** li juru s-self li ha r-rikorrent u **Dok JS3** li juri facilita` ta' *overdraft*. Esebixxa wkoll **Dok JS4**, li juru li gew imblukkati l-flus tar-rikorrent u li gew depozitati fil-Qorti, u **Dok JS5** rapprezentanti "credit card" li kien juza r-rikorrent ghall-uzu personali tieghu. Qal li l-imghaxijiet li hallas ir-rikorrent jidhru fl-*istatements* esebiti.

**Ray Zammit** xehed permezz ta' affidavit (fol 181-183) fejn qal li hu kellu negozju ta' bejgh ta' vetturi u kien partat Jaguar ma' dghajsa mar-rikorrent, fejn kienu ghamlu skirttura esebita a fol 184. Semma li kien sab bejgh ta' din id-dghajsa fejn anke hawn kien ghamel ftehim bil-kitba, izda, wara li tahom id-dghajsa gabuha lura billi ma kinitx startjat. Spjega li hu ppruva jasal fi thehim bonarju ma' Sammut, izda meta ma waslax ha l-parir tal-avukat tieghu u gie pprezentat kaz 908/1995/2, u in segwitu gew ipprezentati wkoll il-mandati ta' sekwestru, u l-kaz gie deciz fl-20 ta' Jannar 2011, fejn it-talba ghal azzjoni *redhibitoria* ma gietx milqugha peress li Zammit ma kienx ezamina d-dghajsa jew qabbad espert biex jaghmel dan biex jara jekk kellhiex xi difetti. Zied ighid, li baghat anke ittra ufficjali lir-

[3] Seduta tas-6 ta' Novembru 2013.

rikorrent biex issir it-trasferiment tad-dghajsa li matul dawn is-snin baqa' ma sarx izda baqa' bla twegiba.

In **kontro-ezami** (fol 319 *et seq*)[4] kkonferma li pprezenta kaz kontra Christopher Sammut u anke mandati ta' sekwestru minhabba l-vertenza tad-dghajsa. Qal li d-dghajsa *nonostante* li ma tahdimx kien halliha ghandu. Mistoqsi jekk il-prezz tad-dghajsa kienx veru ta' Lm6,000 u minn fejn johrog dan, qal li mill-iskrittura Dok RZ1esebita. Qal li meta sussegwentement gie *mechanic*, ra b'ghajnejh il-hsara billi ra toqba u fejn jitla' l-piston, migruf. Qal li r-rikorrent qatt ma kellmu biex inehhi l-mandati ta' sekwestru.

In **ri-ezami** (fol 329-330) qal li llum id-dghajsa ghadha wieqfa ghandu go garaxx bla mutur u mhix irregistrata fuqu. Qal li kiteb formalment lir-rikorrent minhabba l-kwistjoni tar-registrazzjoni izda baqa' ma rrispondiehx dwar dan u fil-fatt diga esebixxa l-ittra ufficjali bhala Dok XY a fol 310.

**<u>L-ewwel eccezzjoni dwar in-nullita` tal-azzjoni:</u>**

Illi gie eccepit fl-ewwel lok li l-azzjoni odjerna hi improponibbli *stante* li l-atturi naqsu milli jsegwu l-procedura bil-ligi dwar it-talbiet proposti.

Jigi osservat li huwa minnu li ma giex specifikat mir-rikorrenti taht liema artikolu tal-ligi qed isejsu l-azzjoni taghhom. Illi dan gie ampjament kjarifikat fl-istadju tat-trattazzjoni tal-kawza, meta l-avukat difensur tar-rikorrenti

[4] Seduta tas-26 ta' Frar 2016.

rrileva li t-talbiet tar-rikorrenti qed isiru abbazi tad-dispozizzjonijiet generali tad-danni fil-Kodici Civili.

Illi l-intimati qed jikkontendu li ma gietx segwita l-procedura preskritta bil-ligi billi l-procedura ghat-thassir ta’ mandati kawtelatorji tinsab stipulata fl-**artikolu 836 tal-Kap 12.** Illi gie ritenut li r-rikorrenti ma talbux ir-revoka tal-mandati ta’ sekwestru sakemm kienu ghadu fis-sehh, u lanqas ma talbu l-ghoti ta’ garanzija jew hlas ta’ penali *ai termini* tas-subincizi (7) u (8) tal-istess artikolu 836. Din il-Qorti tinnota li huwa minnu li r-rikorrenti ma agixxewx abbazi ta’ dan l-artikolu matul il-medda tas-snin li damet il-kawza, u li kien biss wara d-decizjoni tal-kawza fil-mertu, meta l-Mandat ma baqax vigenti, li pprocedew ghad-danni.

Izda, f’dan il-kuntest, ta’ min ighid, li l-fatt innifsu li r-rikorrenti ma pprocedewx ghar-revoka tal-mandati u ghall-hlas ta’ danni u penali skont is-subincizi tal-istess artikolu 836, ma jfissirx li huma ma setghux jintavolaw kawza ghad-danni. In-nuqqas ta’ proponiment ta’ kaz taht l-artikolu 836, ma jipprekludix lir-rikorrenti li jipprocedu b’kaz ghad-danni, imbaghad sta ghall-Qorti li tiddeciedi jekk tali talba ghandhiex tintlaqa’ wara li tezamina l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Difatti l-artikolu **836(9) tal-Kap 12 jiddisponi hekk:**

*"836 (9) Fil-każijiet li jaqgħu taħt is-subartikolu ta’ qabel dan, il-qorti tista’, meta jsirilha rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, tikkundanna lir-rikorrent li fuq talba tiegħu jkun inħareġ il-mandat kawtelatorju sabiex iħallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setgħet ġarrbet bil-ħruġ tal-mandat, u f ’kawżi bħal dawk il-qorti għandha*

*tara u tuża l-iskritturi tal-proċedimenti tal-att kawtelatorju u ta' kull proċediment ieħor li joħroġ jew jitnissel minnu, u dawk l-iskritturi għandhom jitqiesu bħala prova ammissibbli għall-finijiet ta' din l-azzjoni."*

Ikkonsidrat li bl-emendi ghall-**artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili** li dahlu fis-sehh in forza ta' l**-Att XXIV tal-1995,** il-legislatur irrikonoxxa r-responsabbilita' ghad-danni tal-parti li titlob u tottjeni l-hrug ta' mandat kawtelatorju kemm-il darba jirrikorru c-cirkostanzi imsemmija fl-istess artikolu.

Madanakollu kif gie insenjat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz **CASINO-FOR-ME LIMITED vs CHARTWELL GAMES (MALTA) LIMITED (PAJRM - 27 ta' Awwissu 2008)** *"talba bħal din tista' ssir biss b'azzjoni ġdida għaliha (illum il-ġurnata permezz ta' Rikors Maħluf) u mhux fil-qafas ta' rikors għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Kemm hu hekk, sa ma fl-2005 saru l-bidliet fil-liġi tal-proċedura u fl-atti li bihom jitressqu l-kawżi, l-artikolu 836(9) kien jirreferi għal "ċitazzjoni". Bil-bidla korrispondenti li saret bl-imsemmija emendi, dan ifisser li r-"rikors" li għalih illum jirreferi l-artikolu 836(9) irid ikun fis-sura tar-Rikors Maħluf maħsub fl-artikolu 156 tal-Kodiċi, li m'għandu x'jaqsam xejn mar-rikors imressaq mir-rikorrenti eżekutata f'dan il-każ. "*

Illi ghalhekk il-Qorti ssib li r-rikorrent iddeduca t-talbiet odjerni ritwalment u korrettement permezz ta' kawza ghad-danni.

Ghaldaqstant, tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat.

**<u>It-tieni eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni:</u>**

Illi gie eccepit fit-tieni lok, li l-azzjoni odjerna hija preskritta *ai termini* tal-**artikolu 2153 tal-Kodici Civili**.

L-intimati qed jikkontendu li r-rikorrent Christopher Sammut kellu jedd ghal azzjoni ghad-danni minn dakinhar tal-hrug tal-Mandat ta' sekwestru, li sehh sittax-il sena qabel ma gie pprezentat il-kaz odjern. Illi r-rikorrent ma rribatta bl-ebda mod dan l-argument dwar il-preskrizzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet.

F'dan il-kuntest, jiskatta l-**artikolu 2137 tal-Kap 16** li jipprovdi:

*"Bla hsara ta' dispozizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak inhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitatata minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss".*

Illi gie ritenut fil-gurisprudenza nostrana, li din il-preskrizzjoni tibda tghaddi mill-gurnata li l-azzjoni tista' tigi ezercitata. (Ara **Raphael Micallef vs Anthony Agius** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000). Illi wkoll, fil-kaz **Paola Galea et vs John Cauchi et**, P.A. deciza fil-31 ta' Jannar 2008, inghad hekk:

*"Illi minhabba li l-preskrizzjoni mressqa mill-konvenut u l-kjamata fil-kawza hija wahda estintiva tal-azzjoni attrici, jidhol fis-sehh il-principju li z-zmien preskrittiv jghaddi biss minn dakinhar li jkun tnissel id-dritt jew setghet tinbeda l-azzjoni meqjusa biex thares dak id-dritt. Dan il-principju*

*huwa mibni fuq il-massima li "actioni non natae non praescribitur".* (Ara wkoll **Raymond Grech et vs Stefan Borg** P.A. (JRM) deciza fl-14 ta' Gunju 2001).

Huwa principju stabbilit li l-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabbilita` taz-zmien restrittiv, dak id-dubju ghandu jmur kontra min jeccepixxi l-preskrizzjoni. (Ara **Stencil Pave Ltd vs Maria Deguara noe et**, P.A. deciza fit-30 ta' Ottubru 2003, **Alf Mizzi &Sons (Marketing) Ltd vs Dismar Company Limited**, P.A. deciza fit-12 ta' Ottubru 2004, u **Ellul noe vs Vella noe**, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju 2001).

Huwa wkoll principju tad-dritt li d-data li taghti bidu ghall-preskrizzjoni hi determinabbli oggettivament.

L-awturi **Baudry-Lacantinerie** u **Tissier** (Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: della Prescrizione Cap XII, par 364 pag.279) jaffermaw li:

"*Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e` nato il diritto o l'azione che e destinata ad estinguire*." Izjed 'il quddiem izidu ighidu (par.393 bis, pag306, op cit):

"*la prescrizione estintiva in material di siritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto finallora puramente eventuale*."

Hawnhekk, japplika wkoll il-principju li l-preskrizzjoni ma tiddekorrix meta persuna tkun impeduta jew imwaqqfa

milli tagixxi fil-kaz fejn l-ezercizzju ta' azzjoni processwali tkun necessarjament tiddependi minn pronunzjament iehor u allura ma jistax jiddekorri l-perjodu preskrittiv. Dan gie ribadit fil-kaz **Xuereb vs Zammit** App Kumm deciz fid-9 ta' Marzu 1994:

*"…..meta tkun sentenza tal-Qrati li tohloq id-dritt ta' azzjoni, isegwi, illi l-azzjoni gudizzjarja tista' tinbeda biss wara dik is-sentenza u li, wkoll, minn dik id-data tista' tibda tiddekorri l-preskrizzjoni. Mentri meta sentenza tkun semplicement dikjaratorja ta' x'kienet il-pozizzjoni guridika korretta qabel beda l-procediment, allura huwa daqstant iehor car li tali sentenza m'ghandha ebda rilevanza la ghal meta l-*azzjoni *tal-kreditur setghet tigi intavolata u konsegwentement ghad-data li minnha bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni*."

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, irid jigi determinat minn meta l-azzjoni setghet tigi ezercitata jekk hux minn meta nhareg il-Mandat ta' sekwestru jew mid-data tas-sentenza fil-kaz numru 908/1995/2 deciza fl-20 ta' Jannar 2011. Il-kaz deciz f'Jannar 2011 kien jitratta azzjoni *redhibitoria* fejn ried jigi stabbilit jekk id-dghajsa kellhiex tigi ritornata lir-rikorrent u jekk allura Sammut kellux ihallas lura l-valur tad-dghajsa lill-intimati Zammit. Indipendentement mill-fatt jekk hiex sostanzjata l-kawza odjerna ghad-danni, l-ezitu tas-sentenza sucitata, kieku deciza diversament, setghet tohloq drittijiet li kien ikun proprju kontraddittorju ghar-rikorrenti f'dan il-kaz li jagixxu f'kaz separat ghad-danni. Ghalhekk, jigi dedott, li sad-decizjoni, u cjoe` sal-20 ta' Jannar 2011, kien hemm impediment ta' dritt u mhux semplicement impediment fattwali sabiex ir-rikorrenti jipprocedu ghall-allegati danni. Ladarba l-kaz odjern gie

ntavolat fid-9 ta' Jannar 2013, gie pprezentat *entro* t-terminu stabbilit mil-ligi.

Ghal dawn il-motivi, tichad it-tieni eccezzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet ta' Dritt rilevanti ghal Mertu:**

Illi minn analizi tat-talbiet tar-rikorrenti, jirrizulta li din hi kawza istitwita fuq allegat abbuz ta' dritt kommess mill-intimat permezz tal-hrug ta' mandati ta' sekwestri msemmija. Illi r-rikorrenti lmentaw li t-talbiet ghall-hrug ta' mandati ta' sekwestru rrekawlhom danni billi kellhom jisselfu oltre` dak necessarju minhabba l-flus mizmuma, konsegwentement qed jirreklamaw tmienja fil-mija (8%) in linea ta' danni fuq l-ammont ta' flus mizmumin ghal diversi snin bil-Mandati ta' sekwestru.

F'tema legali l-**artikolu 1030 tal-Kodici Civili** jistabbilixxi l-principju li jiggwida l-hsieb tal-legislatur taghna meta jiddisponi li "*kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b'dan l-uzu."* Din id-dispozizzjoni hija espressjoni legislattiva tal-massima "*qui suo iure utitur, non videtur damnum facere*." B'hekk "*Non e in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale il riconoscimento, sebbene non vi riesca.*" (**Demajo vs Page** – Vol. XV pg 34 P.A. – deciza 24.1.1895).

Kif gie enunzjat fil-kawza **Jane Spiteri vs Nichola Camilleri** (P.A. (JSP) deciza 10 ta' jannar 1992) "*Hu car ukoll li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti hija fost l-aqwa drittijiet li fl-ezercizzju tieghu c-cittadin bl-ebda mod m'ghandu jigi mxekkel. Jinkombi fuq ic-cittadin pero` d-*

*dover li ma jabbuzax minn dan id-dritt u jekk jabbuza jkun ritenut responsabbli ghad-danni provokati b'tali abbuz. Mill-banda l-ohra hu car ukoll l-fatt li t-talba ta' min ikun ipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma jfisser necessarjament li sar abbuz tad-dritt li tigi adita l-Qorti. Hu biss f'kaz eccezzjonali li dan ikun il-kaz. Dan ghaliex hu risaput li ghalkemm il-ligi hi oggettivament wahda ghal kulhadd, fl-istess hin, hi spiss taghti lok ghal interpretazzjoni vari u soggettivi li l-partijiet u s-socjeta` jafdaw f'idejn il-gudikant biex jiddetermina u japplika*."

Kif ighid l-awtur (**Baudry - Lacantinerie** – **Trattato Prattico di Diritto Civile** – Delle Obligazioni – Vol. VI pg 560), "*il diritto cessa dove comincia l abbuzo…….riteniamo che basta, per prottegere tutti l interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano i bisogni della societa`, di aderire al concetto generale che tutti i diritti hanno dei limiti*."

Applikat dan il-principju ghad-dritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi "*chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo essere condannato a pagare un indemnita` al suo avversario……."*

Il-limita ta' responsabbilta` gew imfissra fil-kaz **Francesco Camilleri vs Lorenzo Gatt noe**, P.A.fis-17 ta' Mejju 1902:

*"…kif gie kostantement ritenut minn din il-Qorti, min ikun rebbieh f'kawza jkollu d-dritt jitlob id-danni mill-parti l-ohra, meta jkunu fondati, mhux fuq is-semplici fatt tal-kontestazzjoni, imma fuq att doluz jew kolpuz ta' dik il-parti, li b'malizzja jew negligenza gravi tkun ikkagunatlu danni billi dahlitu f'kawza."* Il-Qorti ssoktat ticcara li *"Dan ma*

*jfissirx li kull min jitlef kawza ghandu wkoll jirrispondi ghad-danni, ghax min jezercita d-dritt tieghu mhux responsabbli ghad-danni li jistghu jigru, sakemm il-pretensjoni tieghu ma tkunx arbitrarja jew kapriccuza."* (**Kollez.Vol. XXVIII-I-288-296; Vol. V.222; Vol.VII,I; Vol. XII**, **434; Vol.XXVII-I-72**; u Appell 7 ta' Dicembru 1931: **Barbara vs Fleri** fejn gie ritenut li, "*meta jigu applikati l-principji fuq esposti ghall-kaz in ezami, l-appellant ghandu jigi mizmum responsabbli ghad-danni mitluba minhabba l-pretensjoni tieghu temerarja u kappricjuza."*

Illi jirrizulta li tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta` (**Emanuele Calleja vs Carmelo Grima** – AC. – XXXIX.I.24) naxxenti minn *mala fede* jew *dolo* jew almenu negligenza gravament kolpuza (**Agius vs Dott.Carbone nomine** – XIII.434 – 10.4.1890), fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti *"privi di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per qui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell' istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e` sufficiente a leggittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite*." (**Mugliette vs Bezzina** – XXVI.I.405).

Minn dan johrog li l-element ta' vessatorjeta` jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja u mhux is-success *o meno* fis-sentenza finali.

Fil-materja ta' mandat kawtelatorju hu pacifiku li l-Qorti, rinfaccjata b'talba ghall-hrug ta' mandat simili, ghandha tara biss jekk ir-rikorrent kellux *prima facie* bazi guridika li

fuqha seta' jagixxi sabiex johrog mandat kawtelatorju. Dan jirrispekkja l-principju li d-dritt per se ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandu l-ebda mod jigi pregudikat, u wisq anqas id-dritt ta' persuna li tipprotegi l-interess taghha, sakemm id-dritt sostantiv jigi finalment determinat mill-istess Qorti. Tant hu hekk li anke jekk wiehed jipprezenta diversi mandati, b'daqshekk, dan ma jfissirx li jikkostitwixxi abbuz ta' dritt dejjem jekk it-talba mhix wahda doluza, frivola u vessatorja.

**<u>Fattispecje tal-kaz in ezami:</u>**

Minn harsa lejn il-fatti saljenti u l-provi prodotti fil-kaz in ezami, jirrizulta li l-intimati Zammit, malli ma hadmitx id-dghajsa trasferita pprocedew b'kaz civili numru 908/1995/2, segwit immedjatament b'mandat ta' sekwestru numru 566/97, liema mandat gie revokat b'kontro-mandat numru 439/2001, ghalhekk fil-frattemp, inhareg mandat ta' sekwestru iehor numru 407/2011, li tnehha definittivament meta fis-17 ta' Marzu 2011, wara li giet finalment deciza l-kawza sucitata.

L-intimati qed jikkontendu li malli pprezentaw il-kaz civili, r-rikorrent Christopher Sammut kien laqa' preliminarjament li mhuwiex il-legittimu kontradittur, u kien proprju ghalhekk, li l-intimati riedu jharsu u jikkawtelaw l-interessi taghhom, *stante* li bezghu li r-rikorrent ried jevadi r-responsabbilta`. Illi l-intimati pprocedew bl-azzjoni *redhibtoria* peress li d-dghajsa ma kinitx qed tahdem. Malli huma akkwistaw id-dghajsa minghand ir-rikorrent ittrasferewha lil terzi, u t-terzi persuni rritornawha billi ma kinitx tahdem. Fil-fehma tal-Qorti l-agir tal-intimati ma jistax jissejjah vessatorju jew doluz ghaliex l-intimati kienu qed jikkawtelaw il-

pretensjonijiet taghhom rigwardanti l-oggett akkwistat minghand ir-rikorrent. Illi difatti, mhuwiex ikkontestat, li d-dghajsa ghadha ma tahdimx sal-lum. Jigi nnutat li s-serje ta' domandi li saru lill-intimat in kontro-ezami, ghalkemm hafna minnhom ma kinux indirizzati ghall-kaz odjern, izda kienu specifikament relatati mad-dghajsa in kwistjoni, kienu ffukati dwar jekk fil-fatt kienx zamm id-dghajsa hu anke matul il-kors tal-kawza, kemm il-kwotazzjoni ha ghar-riparazzjoni taghha, u x'tip ta' hsara kien hemm.

Jirrizulta wkoll, li l-intimat qatt ma pproceda ghat-thassir tal-Mandat, matul il-medda taz-zmien li l-Mandat kien vigenti li seta' ghamel f'kaz ta' vessatorjeta' u jitlob l-imposizzjoni ta' penali (art 836(8)(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta)[5].

Di piu`, jigi osservat ukoll li ma saret l-ebda garanzija bankarja jew, garanzija permezz tal-proprjeta` biex jimmitigaw jew jitnehhew l-effetti tal-Mandat. Meta mistoqsi specifikament dwar dan, ir-rikorrent wiegeb li l-proprjeta` li kellu kienet qed tisenna li tinbiegh u ghalhekk ma riedx jissoggettaha ghal piz li jista' jinibixxi l-bejgh, u xehed li kien tkellem biss mal-Bank dwar dan permezz tat-telefon. Jigi dedott, li hawnhekk taqbel mal-punti msemmija fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat, fis-sens li r-rikorrent ma hax il-mizuri mehtiega, permessi bil-ligi, u kien biss sussegwentement ghad-decizjoni tal-kaz civili, li ha passi u pprezenta l-kaz odjern ghad-danni.

Jigi osservat ukoll, li taqbel mas-sottomissjoni tal-intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet, u tirritjeni li hu ferm stramb li r-rikorrenti qed jilmentaw minn abbuz u vessatorjeta` da parti

[5] Dan is-subartikolu jaghti dritt ghat-talba ghall-imposizzjoni ta' penali fejn jigi ppruvat li t-talba ghall-hrug tal-mandat tkun wahda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.

tal-intimati, meta fil-fatt jirrizulta li d-dghajsa in kwistjoni ghadha mhix registrata fuq l-intimat. Illi jirrizulta, sahansitra wara s-sentenza deciza dwar l-*actio redhibitoria*, dan ghadu ma sarx. Illi l-initmati esebew ittra ufficjali mibghuta fl-24 ta' Gunju 2013 (fol 310), fejn qed jinterpellaw lir-rikorrent biex issir it-trasferiment f'isimhom.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi, din il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti ma rnexxielhomx jippruvaw li l-intimati agixxew b'abbuz u 'l hinn mil-limiti konsentiti mil-Ligi. Anzi, jidher li l-kaz civili u l-mandati li gew istitwiti mill-intimati ma gewx istitwiti dolozament jew abbuzivament, izda huma kienu qed jivvantaw li ghandhom dritt ta' azzjoni li tezisiti legalmet fil-konfront tar-rikorrent. Tant hu hekk, li l-intimat sostna fl-affidavit tieghu li hu agixxa fuq il-parir tal-avukat tieghu, u l-avukat difensur tieghu issottolinea, li nhasset il-htiega ghall-Mandat malli raw l-eccezzjonijiet preliminari ta' Christopher Sammut fil-kawza fil-mertu. Dan jaghti dritt lill-intimati li jipprotegu u jikkawtelaw l-interessi taghhom fl-istess. *In vista* tas-suespost, l-argument tar-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet u anke fit-trattazzjoni, dwar it-talba ghat-tmienja fil-mija (8%) danni fuq l-ammont mizmum matul is-snin, ma jregix, *stante* li l-fatt li jkun hemm mandat ta' sekwestru vigenti ma jaghtix awtomatikament lok ghad-danni.

Illi gjaladrba ma tirrizultax ir-responsabbilta` legali tal-intimati, din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fit-talba ghal-likwidazzjoni tad-danni. Izda, jigi ritenut, li ghalkemm gew esebiti serje ta' dokumenti bankarji li juru s-self li r-rikorrenti hadu mill-Bank, u l-imghaxijiet imhallsa fuq dawk id-djun, il-provi relatati mal-allegati danni subiti, meta gew mistoqsija jesebixxu dokumenti ulterjuri relatati mad-djun u

l-*istatements* tal-Bank, ir-rikorrenti inizjalment, naqsu li jipproducuhom kif rikjest minnhom. Illi l-*istatements* tal-bank mitluba gew sussegwentement esebiti. Izda, f'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diga enuncjati, din il-Qorti mhix ser tidhol fil-kwistjoni sollevata mill-avukat difensur tal-intimati kemm fid-domandi lir-rikorrent, u kemm fin-nota ta' sottomissjonijiet, u fit-trattazzjoni, fejn gie ssottolineat li mill-*istatements* bankarji, jidher li matul is-snin kien hemm aktar krediti milli djun, *stante* li mhuwiex aktar relevanti ghall-vertenza odjerna.

## III KONKLUZJONI

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi**, billi tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-intimati kif spjegat, tilqa' r-rimanenti eccezzjonijiet tal-intimati u tichad it-talbiet tar-rikorrenti billi dawn mhumiex gustifikati fil-fatt u fid-dritt.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**26 ta' Jannar 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Jannar 2017**